MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili - Ghawdex Numru. 19/2011/1

**Adrian Azzopardi**

**Vs**

**Terence Bate**

Il-Gimgha, 5 ta' April 2013.

Permezz ta' sentenza tat-28 ta' Gunju 2012 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut appellant ihallas lill-attur appellat is-somma ta' elf u sebghin ewro (€1,070) bl-imghax mid-data tas-sentenza, ghall-hsara li saret fid-dghajsa Galaxy fis-26 ta' Jannar 2010 waqt li kien fil-yacht marina ta' l-Imgarr Ghawdex, kienet responsabbilta' ta' Bate.

Fis-16 ta' Lulju 2012 il-konvenut ipprezenta appell[1], filwaqt li l-attur wiegeb permezz ta' twegiba li pprezenta fil-15 ta' Ottubru 2012.

---

[1] Fol. 97.

Fis-sentenza t-Tribunal osserva:-

*“Illi din il-kawza titratta minn habta bejn zewg opri tal-bahar waqt li dawn kienu sorguti fil-Marina ta’ l-Imgarr Ghawdex. .....*

*Kif graw il-fatti ma hemmx u lanqas jista jkun hemm kontestazzjoni. Iz-zewg bastimenti ossia pleasure boats huma imdaqqsa. Jirrizulta illi fid-data ta’ l-incident wiehed miz-zewg rabtiet illi kien hemm fuq il-poppa tal-bastiment tal-konvenut ceda b’mod illi l-bastiment tal-konvenut ma kienx ghadu aktar sikur u habat ma’ dak ta’ l-attur. Ir-raguni ghalfejn ceda dan l-irbit kien minhabba illi l-holqa bil-parti ta’ warajha b’kollox, illi kien hemm marbuta mall-puntun kienet fi stat relattivament hazin minhabba s-sadid u nqalghet minn postha.*

*Jidher illi l-kontestazzjoni principali hija dwar min ghandu jerfa r-responsabilita ghal dan l-incident. Filwaqt illi l-attur Adrian Azzopardi jghid illi huwa l-konvenut, min naha l-ohra l-konvenut jitfa r-responsabilita ta’ l-incident fuq l-awtoritajiet marittimi li huma nkarigati milli jipprovdu servizz ta’ irmigg fil-Yacht Marina.”*.

It-Tribunal ikkonkluda li l-appellant kien jaf li l-holqa li maghha kien marbuta id-dghajsa tieghu, *“....ma kinitx wahda affidabli minhabba li l-parti ta’ tahtha kienet imsadda sew u kienet fir-riskju li se tinqala minn mal-pontun.”*. Mis-sentenza hu evidenti li t-Tribunal ta piz qawwi ghal dak li xehed Teddy Cauchi, ufficjal tad-Direttorat tal-Yacht Marinas f’Ghawdex, li qal li ftit zmien qabel sehh l-incident Bate kien ilmenta mal-ufficcju tieghu li wahda mill-holoq kellha bzonn tinbidel[2].

Fir-rikors tal-appell, l-appellant isostni li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi u li:-

i. Hemm kunflitt ta’ provi;

---

[2] *“Anzi ghandi nghid li ma nbidletx din il-holqa billi m’huwiex daqshekk prattikabbli biex wiehed jibdilha u minflok saret holqa ohra ma genb din, li dwarha kien qed jilmenta l-konvenut, anzi gie jilmenta dwarha l-konvenut.”* (fol.34).

*ii.* Il-hsara saret mhux ghaliex id-dghajsa ma kenitx marbuta sew mal-moll, imma ghaliex inqalghet il-holqa tal-Awtorita' Marittima minn mal-moll. Fil-korrispondenza li giet skambjata Bate kien insostni li r-responsabbilta' kienet ta' l-Awtorita Marittima.

Minn qari tar-rikors tal-appell hu evidenti li l-appellant qieghed jistieden lill-qorti biex taghmel l-apprezzament taghha tal-provi, li fil-fehma tieghu ghandu jwassalha ghal konkluzjoni differenti minn dik tat-Tribunal. L-appellant jinvoka li l-Artikolu 8(2)(b) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) bhala l-bazi tal-appell tieghu[3]. Il-qorti ma tarax x'ghandu x'jaqsam l-imsemmi provvediment mal-aggravju li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi li tressqu quddiem. F'dan ir-rigward taghmel riferenza ghas-sentenza li tat din il-qorti[4] fil-kawza **Oscar Gatt vs Silvio Brincat** tat-12 ta' Jannar 2001 li wkoll kien jitratta appella bazat fuq dan il-provvediment. Il-qorti osservat:-

*"Issa mill-aggravju lilha sottomess mill-appellant, din il-Qorti ma tara xejn li jista' jinduciha biex tikkonkludi li t-Tribunal kien agixxa b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' ekwita'. Indubbjament bl-ebda mod ma seta' jkun hemm accenn ta' rifless fuq l-imparzjalita' tat-Tribunal. Infatti fl-ebda mument ma gie accennat li t-Tribunal ma mexiex b'mod xieraq u gust fil-kondotta tal-proceduri. Il-fatt illi fid-deliberazzjoni tieghu, anke kif redatti fil-konsiderazzjonijet tad-decizjoni appellata, it-Tribunal ghazel li jadotta bhala aktar kredibbli u attendibbli l-verzjoni li ta l-konvenut ta' kif sehh l-incident, bl-ebda mod ma jfisser li t-Tribunal kien agixxa b'mod parzjali bi pregudizzju ta' l-attur appellant. Ifisser biss li fl-apprezzament tieghu tal-provi prodotti, it-Tribunal ikkonvinca ruhu li l-verzjoni ta' kif sehh l-incident, moghtija mill-attur u mill-provi tieghu, ma kienetx tissodisfa dak il-*

---

[3] Taht dan il-provvediment appell jista' jsir meta *"t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalità u ta' l-ekwità skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella."*.

[4] Imhallef J. Said Pullicino.

*minimu mehtieg biex it-Tribunal jaccetta bhala provati l-premessi ghat-talba tieghu.*

*In tema ta' ekwita', din il-Qorti ma tarax kif jista' l-appellant jadduci din ir-raguni bhala motiv biex jinficja d-decizjoni appellata. It-Tribunal infatti m'ghamel l-ebda ezercizzju ta' ekwita' u d-decizjoni tieghu kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonjiet fattwali kif johorgu mill-provi talkontendenti. L-Appell hu ghalhekk improponibbli u l-eccezzjoni ta' l-appellat f'dan ir-rigward tirrizulta ghal kollox sostnuta."*.

Inoltre l-qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

i. Mill-provi mressqa ma kien hemm xejn li ma jippermettix li t-Tribunal jasal ghad-decizjoni ta' responsabbilta' tal-appellant. Il-fatt li Bate xehed li kien telaq minn Malta fit-30 ta' Settembru 2009 u rritorna lura fl-20 ta' Mejju 2010, ma jfissirx li t-Tribunal kien marbut li jemmen din il-verzjoni u li l-appellant qatt ma ilmenta mal-ufficcjali tal-Awtorita kkoncernata dwar l-istat hazin tal-holqa li maghha kien qieghed jorbot id-dghajsa. It-Tribunal kellu zewg verzjonijiet u kien tal-fehma li l-verzjoni li taw Teddy Cauchi u Frans Mifsud kienet iktar affidabbli. Hu evidenti li t-Tribunal ikkonkluda li l-verzjoni ta' dawn iz-zewg ufficjali kienet iktar affidabbli meqjus ukoll li l-holqa fil-fatt kienet inbidlet. L-appellant isostni wkoll li l-appellat qatt ma seta' kkomunika mieghu ftit wara l-incident, ghaliex kien irritorna lura Malta f'Mejju 2010. Irrispettivament ta' x'inhi l-verita', din il-materja ma kenitx rilevanti ghat-Tribunal sabiex jiddetermina jekk l-appellant kienx reponsabbli ghall-incident meritu tal-kawza. L-istess jinghad ghall-accenn li ghamel l-appellant ghal dik il-parti tad-deposizzjoni tal-appellat fejn qal li kien inkariga surveyor meta ra li l-appellant ma kienx dispost li jhallas ghall-hsarat. Is-sekwenza tal-affarijiet kif graw wara l-incident[5] m'humiex rilevanti.

ii. John Vella, xhud imressaq mill-appellant, xehed: *"Dwar il-holqa li nqalghet minn mal-pontun u li kienet*

[5] ara tieni paragrafu fol. 100.

*imsadda dan kont nafha jien minn qabel u kien jafha Terence Bate din ukoll ghax dawn huma affarijiet li jidhru. Kien ilna nghidu lil tal-Awtorita' biex ibiddlu l-holoq li kellhom bzonn jitbiddlu."*[6]. Dikjarazzjoni li tikkonferma li l-appellant kien jaf bl-istat prekarju tal-holqa u minkejja dan baqa' jorbot id-dghajsa maghha. F'dan ix-xenarju ma tifhimx kif l-appellant jibqa' jinsisti li m'ghandux iwiegeb ghall-hsara li saret fid-dghajsa tal-appellat.

iii. It-talba ghall-hlas hi ta' €1,070. Skond l-Artikolu 8(3) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbieet Zghar (Kap. 380) hu biss fejn il-hlas mitlub hu iktar minn €1,164.69 li jezisti dritt ta' appell fil-kazijiet kollha. Madankollu fejn it-talba hi ghall-hlas sas-somma ta' €1,164.69, d-dritt ta' appell hu moghti biss fil-kazijiet li jissemmew fl-Artikolu 8(2) li ma jinkludix aggravju li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi.

**Ghal dawn il-motivi din il-qorti qeghda tichad l-appell ta' Terence Bate bl-ispejjez kontra tieghu**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] Fol. 61.